



# Eku ta' erbgħin sena ilu – Meta l-parroċċa tagħna ċċelebrat għeluq l-ewwel mitt sena tagħha

*Jikteb Mario Formosa Holt*

1978. Is-sena li fiha seħħew numru ta' avvenimenti, li wħud minnhom biddlu l-mod tal-ħajja moderna, f'Ġuyana Jonestown seħħ suwiċidju tal-massa li ħalla 909 persuna mejta. Fl-Italja, L-istatista Aldo Moro nħataf u nqatel mill-Grupp terroristiku Brigate Rosse. Bejn Awwissu u Ottubru ta' l-istess sena l-Knisja Kattolika kellha tlett mexxeja differenti. Wara ħafna taqtigħ ta' qalb, anke minħabba s-sitwazzjoni politika prekarja, il-finali tat-Tazza tad-Dinja nżammet fl-Arġentina u ntrebħet mit-tim ospitanti. L-Izrael u l-Eġittu kienu ffirmaw ftehim ta' paċi wara snin ta' gwerrer, ġewwa Camp David fl-Istati Uniti. Fi Spanja wara 40 sena ta' dittatura rritornat bħala pajjiż demokratiku. F'dik is-sena ħarġu films li baqaw meqjusa bħala "cult films" fosthom "Superman" u "Grease". Filwaqt fix-xena televisiva kienet għamlet id-debut is-sensiela "Dallas".

Tas-Sliema kienet qed tfakkar mument importanti fl-istorja tagħha. Meta MITT SENA QABEL il-Parroċċa Ewlenija tagħha ġiet elevata biex tkun il-Parroċċa Waħdanija ta' Tas-Sliema kollha kif ukoll tal-Gżira.

Bħalma jiġri dejjem f'ċirkustanżi simili, kien twaqqaf kumitat apposta sabiex ifassal programm ta' attivitajiet sabiex dan l-anniversarju jiġi mfakkar bl-aħjar mod. Dan il-kumitat tmexxa mill-W.R. Dun (aktar tard Monsinjur) Carmelo Bianco Kappillan ta' dak iż-żmien. Bħala segretarju ta' dan il-kumitat kien hemm is-Sur John Bisazza.

Fost l-inizjattivi li ttieħdu kien hemm dik li ġie ppublikat ktieb bl-istorja tal-Parroċċa. Il-ktieb ġie fdat f'idejn is-Sur Maurice Busietta li kellu ħafna x'jirrakkonta anke mill-esperjenza personali tiegħu billi għex direttament ħafna mill-ħajja reliġjuża, soċjali, u sportiva ta' Tas-Sliema. Irridu ngħidu wkoll li kien l-ewwel ktieb tax-xorta tiegħu għall-Parroċċa tagħna. Nhar il-5 ta' Awwissu, ta' dik is-sena ċentinarja, fetħet Wirja Storika li nżammet fil-Kunvent ta' St. Joseph, li dak iż-żmien kellu d-dħul għalih anke mix-Xatt. Din il-wirja nfetħet mill-E.T. Sir Anthony Mamo tbierket mill-Vigarju Ġenerali Mons. Profs Arturo Bonnici.




*Gallariji armata għaċ-ċentinarju*

Fejn jidħol armar tat-toroq għall-Festa wkoll ħa spinta 'l quddiem u ntwera entużjażmu ġdid mid-dilettanti. Dan kollu wassal biex twieldet l-Għaqda





ta' L-Armar, li allura din is-sena qed tfakkar għeluq l-Erbgħin sena mit-twaqqif tagħha. Aktar tagħrif estensiv wieħed isibu f'dan l-istess Programm fil-kitbiet tal-ħbieb tagħna John Aquilina u Constantine Busuttil.

Kif ser naraw anktar 'l quddiem, anke s-Soċjetà Filarmonika Stella Maris tat is-sehem sħiħ tagħha permezz ta' ħames servizzi fil-ġimgħa tal-Festa Titulari. Ta' min wieħed igħid li għalihom il-Festa Titulari, dik is-sena, intefgħet b'ġimgħa lura, xorta waħda kien hemm dell ta' dubju li setgħet titħassar. Fil-Fatt nhar il-Ħadd 6 ta' Awwissu, tliet ġimgħat qabel il-Festa, tħabbret il-mewt tal-Q.T. il-Papa Pawlu VI.

Il-Festa Ċentinarja saret kif ippjanat u għaliha saru seba' sibtijiet ta' tħejjija li bdew nhar it-8 ta' Lulju. Wara li jingħad ir-Rużarju kienet titkanta s-Salve Regina u tingħad il-Kurunella tal-Madonna Stella



*It-Translazzjoni tan-1978*





Maris. Kollox kien jintemm bil-quddies tas-6,30p.m. Il-quddiesa ta' l-aħħar Sibt, nhar id-19 ta' Awwissu, kienet Folk Mass u qaddes Mons. Mikiel Azzopardi, wara segwa Rużarju meditat fi Pjazza Annunzjata. Kif kien xieraq sabiex ma jintesewx, il-jum ta' qabel saret Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kappillan Bianco għall-erwieħ dawk is-Saċerdoti u Ljaċi li tul is-snin ħadmu fi ħdan il-Knisja Parrokjali ta' Stella Maris.

Attività li tgħaqqad it-Titular tal-Parroċċa Ewlenija ta' Tas-Sliema mal-baħar kienet ir-Regatta li ġiet organizzata fix-Xatt ta' Tas-Sliema mill-Birżebbuġia Sailing Club bejn id-19 u l-20 ta' Awwissu.

Il-Ġimgħa tal-Festa Ċentinarja fetħet nhar it-Tnejn 21 ta' Awwissu b'quddiesa ċċelebrata minn Mons. Lawrenz Gatt, dak iż-żmien Rettur tas-Seminarju. Wara, bħalma għadu jsir sal-lum, sar il-Ħruġ tal-Vara minn-Niċċa. Dan dejjem isir bis-sehem tal-Banda Stella Maris. Dan l-ewwel servizz tal-Banda, fil-Festa Ċentinarja, intemm bi Programm Mużikali f'Għar id-Dud. L-għada, nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu fis-7,30p.m.fil-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Stella Maris inżammet Akkademja Mużiko Lettrarja taħt il-patroċinju tal-E.T. Mons Sir Michael Gonzi, Arċisqof Emeritus u l-Prim Imħallef J.J. Cremona. Din l-akkademja ttelgħet bis-sehem tal-Kor ta' San Ġiljan u fit-tmiem tagħha nkixfet irħama kommemorattiva li tfakkar għeluq l-EWWEL MITT SENA MIT-TWAQQIF TAL-PARROĊĊA TA' STELLA MARIS.

It-Translazzjoni Solenni tar-Relikwija saret l-għada l-Erbgħa 23 t' Awwissu. Din telgħet mill-kunvent tas-Sorijiet ta' St. Joseph fi Triq il-Katidral u kienet immexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca flimkien ma' l-eks kappillani Mons. G. Inguanez u Mons. Gwido Calleja flimkien ma' Mons. G. Lupi u Mons. L. Gatt żewġ saċerdoti li taw servizz ferm utli lil Parroċċa tagħna.



*Mument mill-Marċ ta' filgħodu ta' l-1978*

Ovvjament magħhom kien hemm il-Kleru tal-Parroċċa immexxija mill-Kappillan Bianco. Wara segwa Pontifikal Solenni mmexxi mill-istess Arċisqof Mercieca li kkonsagra l-artal mejda ta' l-irħam li żżanżan propju dakinhar. Filgħaxija kien imiss il-Banda Cittadina King's Own li tagħmel marċ mat-toroq tal-Parroċċa.

Ftit wara li beda l-marċ, bdiet tqattar ix-xita u l-banda Beltija kompliet bis-servizz tagħha meta wara ftit l-ajru reġa kklerja xi ftit. Din tat-temp ħażin kienet theddida oħra li setgħet wasslet biex dawn il-Festi jitħassru wħud minnhom. Fil-jumejn ta' wara l-funżjoni fil-Knisja tmexxiet rispettivament minn Mons. Ġ. Lupi u Mons. Gwido Calleja.

Nhar il-Ħamis 24 t' Awwissu ġewwa Pjazza Annunzjatam nżamm Programm Vokali u Strumentali fejn il-Banda Stella Maris, taħt id-





direzzjoni ta' Mro. Paul Arnaud esegwiet diversi siltiet mużikali interessanti. Niftakar fuq nota personali li personalment dakinhar kienet laqtitni ħafna silta mis-soundtrack Exodus ta' E. Gold. L-istess Banda, l-għada għamlet l-Ġimgħa għamlet is-soltu marċ brijuż tagħha.

Lejliet il-Festa, l-quddiesa kantata Solenni ġiet iċċelebrata minn Mons. G. Inguanez. Kull min kien preżenti dakinhar jiftakar kemm dan l-eks Kappillan emozjona ruħhu meta waqt l-omelija rrakkonta l-esperjenzji personali tiegħu meta kien imexxi l-Parroċċa Matriċi ta' Stella Maris,



TIMES OF MALTA, MONDAY, AUGUST 28, 1978

The statue of Our Lady, Star of the Sea, carried in procession through the main streets of Stella Maris Parish yesterday evening.

**Sliema parish celebrates feast and centenary**

*By a Staff Reporter*

The parishioners of Stella Maris, Sliema, yesterday celebrated the feast of their patron, Our Lady Star of the Sea, with extra pomp and circumstance. The day marked the 100th year since the church was elevated to the status of a parish.

That part of Sliema was truly en fete yesterday with a procession with the statue in the evening. Various services had been held in the church for the past week, culminating with High Mass yesterday morning. All living former Parish Priests, and Fr. C. Bianco, the present Parish Priest, participated.

The parishioners also marked the centenary with the consecration of a new marble altar.

Several bands took part in external festivities. Fireworks displays from Manoel Island were held on Saturday and yesterday.

*It-Times tirraporta dwar il-Festi Ċentinarji*

speċjalment meta ftit wara li ħa l-pussess il-Knisja ġiet milquta mill-bombi ta' l-għadu. Kien propju fi tmien il-quddiesa, li r-Rev. Kappillan Dun Karm Bianco ħabbar li l-Knisja Kattolika kellha Rgħaj ġdid – il-Q.T. Papa Gwanni Pawlu I.

Wara li ntemmet il-Funzjoni reliġjuża, il-Banda Stella Maris bidet marċ li l-ewwel parti tiegħu ntemm fix-Xatt fejn kien hemm spettaklu ta' logħob tan-Nar ta' l-ajru u ta' l-art. Wara l-marċ kompla u temm fi Pjazza Annunzjata.

Jum il-Festa filgħodu kellna Konċelebrazzjoni Pontifikali oħra rregalaw diversi oġġetti sagri sabiex jibqgħu tifkira ta' dan iċ-ċentinarju. Wara l-Banda Stella Maris bdiet il-marċ kbir brijuz tradizzjonali tagħha ta' nhar il-Festa li donnu li dakinhar kien mistenni mill-partitarji aktar mis-soltu.

Filgħaxija wara li ngħaddu s-Sekondi Vespri Solenni, bdiet ħierġa l-purċissjoni li kienet immexxija mir-Rev. Kapitlu tal-Kolleġjata ta' Marija Immakulata ta' Bormla. Il-purċissjoni kienet akkumpanjata f'waqtiet differenti mill-Banda San Ġużepp tal-Hamrun. Naturalment kollox kien akkumpanjat b'logħob tan-Nar mill-aqwa kif il-Festa tagħna ilha magħrufa għalih.

Kif kien xieraq kollox ntemm bil-barka Sagramentali ġewwa l-Knisja b'radd ħajr lil Alla u lil Madonna li kollox għadda b'wiċċ il-ġid u kif ippjanat. Bħala konkluzzjoni għall-kitba tiegħi, xtaqt nislet strofa waħda mill-poeżija li nkitbet għall-Okkażjoni:

**BĦAL DAS-SNIN ILU MITT SENA**
**META RIDT DAL-POST GĦALIK**
**LIL TAS-SLIEMA STELLA MARIS**
**ILLI LLUM HU MKABBAR BIK**